MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 413/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jeffrey Azzopardi)**
**Vs**
**Mariella Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Mariella Caruana detentrici tal-karta tal-identita` numru 560262 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta' April, 2011 ghall-habta ta' 9.27 p.m. gewwa l-Ghassa tal-pulizija tal-Hamrun fi Pjazza San Pawl, Hamrun

1. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Anthony Caruana wegghatu bi kliem, gesti jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. qalet kliem malafamanti "giddieb" lil Anthony Caruana.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Settembru, 2012, li biha, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha u b’applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, l-appellanti ghandha tobbliga ruhha li zzomm il-kwiet mal-istess Anthony Caruana u jekk b’xi mod li jkun tonqos minn din l-obbligazzjoni, tobbliga ruhha li thallas is-somma ta’ €500 penali li ghandha tibqa` fis-sehh ghal perjodu ta’ sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-25 ta’ Settembru, 2012, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tikkancellaha u tirrevoka s-sentenza appellata u b’dan illi tilliberaha minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarja s-sentenza appellata in kwantu tikkoncerna l-piena.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti fil-kawza. Naturalment l-assenza assoluta ta’ motivazzjoni - nonostante l-piena komminata - ma tantx hi ta’ ghajnuna ghar-ricerka tar-ragunijiet li wasslu lill-istess Qorti ghall-konkluzzjonijiet taghha.

Illi f’dari il-kaz irrizulta li x-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u dik imressqa mill-esponenti kienu konfliggenti, bil-verzjoni tal-esponenti tkun ferm aktar onesta u kredibbli minn dik imressqa mill-Prosekuzzjoni li tikkontjeni fatti skorretti u liema provi certament li m’humiex tal-grad rikjest fil-kamp Kriminali. Fil-fatt irrizulta fost l-ohrajn illi l-esponenti qatt ma qalet il-kliem, jew ahjar, il-kelma malafamanti li dwarha giet akkuzata.

Illi ghalhekk isegwi, illi fin-nuqqas ta’ tali prova konklussiva, b’verzjoni ferm aktar konvincenti tal-imputata,

l-Ewwel Qorti kellha tillibera lill-istess mill-Ewwel akkuza stante li ma giex ippruvat tali reat.

Fid-dawl ta' dan, l-imputata tirrileva illi fir-rigward tat-tieni akkuza, l-ingurja kontravvenzjonali, l-esponenti wkoll kellha tigi liberata minnha ghaliex din ma tistax tissusisti peress li mill-provi mressqa mid-difiza, irrizulta bl-aktar mod car illi l-imputata fl-ebda hin ma qalet kliem malafamanti. Il-parte civile, ghax l-imputata ma bdietx taqbel ma' dak li qalilha, saqsiha jekk hux qed tghid li qed jigdeb u b'reazzjoni, l-imputata qaltlu "allura qed tghid li qed nigdeb jiena?". Ghalhekk meta
wiehed iqabbel il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u l-provi mressqa mid-difiza, fejn fosthom instemghet ix-xhieda ferm kredibbli u onesta tal-imputata, jirrizulta illi l-verzjoni tal-imputata hija dik li kellha tistrieh fuqha l-ewwel Qorti u li kellha twassal sabiex l-appellanti tigi liberata minn kull imputazzjoni kontra taghha.

It-Tieni Aggravju
Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, bla pregudizzju ghall-generalita' ta l-ewwel aggravju, l-Qorti ma setghet qatt issib lill-esponenti hatja tal-ewwel imputazzjoni ghar-raguni illi certament illi ma gie ippruvat bl-ebda mod illi l-imputata kellha l-hsieb li tikkommetti r-reat. Il-mens rea huwa totalment nieqes. Fil-fatt, mill-provi irrizulta bl-aktar mod car illi l-imputata semplicement wiegbet ghal dak li qalilha il-parte civile u ghalhekk l-element tal-hsieb lanqas seta' jkun hemm, ghax id-diskors intqal b'reazzjoni ghal dak li qal il-parte civile stess.

Illi hawnhekk, l-esponenti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano deciza 24 ta' Frar, 2003, fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Etienne Mizzi" fejn gie deciz illi:

*'Id-diffamazzjoni skond l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi l-intenzjoni specifika li wiehed itellef jew inaqqas il-gieh ta' haddiehor".*

Ghalhekk, oltre l-fatt li hemm kunflitt kbir fil-provi mressqa, huwa evidenti illi l-ewwel akkuza ma tistax tissusisti

ghaliex hija nieqsa minn element essenzjali taghha u cioe' il-hsieb li tikkometti r-reat. Hija nieqsa wkoll mill-element ta' pubblicita', u cioe' t-tixrid b'mod pubbliku u persistenti, li huma importanti wkoll u li certament ma jirrizultawx f'dan il-kaz.

It-Tielet Aggravju
Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li bla pregudizzju ghall-generalita' ta l-aggravji precedenti, il-piena erogata hija manifestament sproporzjonata ghall-akkadut. Naturalment l-esponenti ma tistax ma tesprimix xi ftit ta perplessita' dwar ir-ragunijiet li wasslu lill-Qorti tal-Magistrati teroga l-piena li effettivamerit giet erogata u dan peress li, nonostante tali piena (li fic-cirkostanza tal-imputata li ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn mal-parte civile ser tohloq aktar tensjoni, ghaliex certament illi l-parte civile ser jaghmel minn kollox biex ixekkel lill-martu milli tonora tali obbligazzjoni), is-sentenza appellata ma taghmel ebda accenn la ghall-motivazzjonijiet tal-Qorti fis-sejbien ta htija kif gja' nghad u wisq anqas ghall-motivazzjoni dwar il-piena.
Illi hawnhekk si tratta ta' zewg persuni rnizzewga li bil-fors iridu jitkellmu bejniethom dwar tfal minuri uliedhom u ghalhekk tali piena ma taghmilx sens fic-cirkostanzi.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Rat l-affidavit ta' PS 1314 R Ambrogio li fih jingħad li fid-29 t'April, 2011 Anthony Caruana kien talab l-intervent tal-Pulizija sabiex omm uliedu, cioe' Mariella Caruana tieqaf tipprovokah u tirridikolha bl-imġiba tagħha.

Meta ġabar it-tifla huwa nota li din ma kenitx ġabet il-ħwejjeġ magħha. Għalhekk huwa talab lil Mariella Caruana ġġib il-ħwejjeġ magħha. Il-Pulizija wkoll talbuha biex iġġib il-ħwejjeġ ħdejn l-Għassa tal-Hamrun. L-omm allegat li kienet qed taħsibha biex iġġib il-ħwejjeġ minħabba li jum qabel (28 t'April, 2011) il-missier kien ħoloq argument magħha.

Fl-affidavit hemm ukll il-messaġġ li ntbagħat bl-sms. L-omm baqgħet ma ġabitx il-ħwejjeġ. L-omm waslet għall-ħabta tad-21.27 u daħlet irrabjata fl-għassa tal-Hamrun. Meta l-missir qalilha li kien ilu jistennieha mis-18.15 hi qaltlu li qed jigedeb. Il-missier ħassu nġurjat b'dan il-kliem u talab lill-Pulizija jressqu lill-imputata l-Qorti.

Rat ukoll l-affidavit ta' PC 1500 Alfred Cutajar li jgħid li fid-29 t'April, 2011, Anthony Caruana qal li Mariella Caruana kienet naqset li tibgħat il-ħwejjeġ mat-tifla. Meta l-imputata ma bagħtitx risposta għaż-żewġ sms's tiegħu, huwa talab lill-Pulizija biex iċemplilha. L-omm stqarret li kienet qed tibża' tiġi għax il-jum ta' qabel kellha xi tgħid mar-raġel. Il-bqija ta' dan l-affidavit jagħti l-istess dettalji tal-affidavit l-ieħor.

Semgħet lil Anthony Caruana jixhed bil-ġurament li Jade ma kenitx ġabet il-ħwejjeġ magħha. Huwa kien bagħat messaġġ lil martu biex tibgħat il-ħwejjeġ. Damet sad-9.30pm sakemm ġabet il-ħwejjeġ, daħlet bis-suppervja u sabbtet il-baskett mal-art. Lilu kienet għajritu giddieb minkejja li hu kellu l-prova li kien bagħat erba' messaġġi.

Fil-kontro-eżami huwa qal li ma kienx ċempel lill-mara biex jevita ħafna kliem xejn sabiħ. Huwa ma kienx qagħad il-ħin kollu ħdejn l-għassa għax mar jixtri.

Fir-ri-eżami x-xhud qal li kuntatt mal-mara kien sar ukoll permezz ta' telefonata mill-pulizija.

Xehed ukoll Shaun Caruana li qal li ommu ma kenitx bagħtet il-ħwejjeġ. Huwa spjega kif kienu marru jixtru minn għand żewġt iħwienet waqt li ommu baqgħet ma ġietx. Imbagħad għajret lil missieru 'żibel' min taħt l-ilsien biex ma jismagħhiex l-ispettur. Kienet ukoll għajret lil misseiru 'giddieb'.

Xehdet ukoll Mariella Caruana li qalet li kienet kwistjoni dwar jekk kienx ser jiġbor it-tifla. Hija ma setgħetx tibgħat basket kbir mat-tifel li dak iż-żmien kien għad għandui tmien snin. It-tifla kien ikollha ħafna x'iġġorr. Hija kienet

avżat lit-tifla biex tmur tiġbor il-baskett. Meta rċeviet telefonata mill-għassa hija staqsiet x'kellha tagħmel u l-Pulizija weġibha li f'dak il-mument ma kinux hemm. Hija bagħtet messaġġ lil żewġha iżda danma rrispondiex. Meta qalilha li kien qed jistenniha fl-għassa hija qaltlu li ħadd ma kien qalilha biex iġġib il-baskett. Meta marret l-għassa r-raġel qalilha li kien bagħtilha diversi messaġġi u hi qaltlu li wieħed kienet irċeviet minħabba li kienet waqgħet il-batterija tal-mobile. U hawn ir-raġel qalilha 'Allura qed tgħid li qed nigdeb?' u hi hi wieġbet 'Allura qed tgħid li qed nigdeb jien?' F'dan il-ħin talab li jittieħdu apssi għall-malafama.

Fil-kontro-eżami hija qalet kienet irċeviet messaġġ wieħed biss. Meta marret l-għassa hija kienet iddispjaċuta li s-surġent kien ħatafha. Hija wkoll ma fehmitx għala r-raġel ma kienx mar għall-baskett. Kien ir-raġel li avviċinha fl-għassa u mhux hi. Hija ċaħdet li kienet għajret lir-raġel 'giddieb.'

Xehdet ukoll Jade Caruana li qalet li kellhom jgħaddu għall-ħwejjeġ id-dar. Meta ommha kienet daħlet l-għassa, hija ma kenitx hemm.

Ikkonsidrat

Li jekk il-Qorti tagħsar il-fatti kollha li ħarġu mill-provi, li joħroġ bħala konvinċenti huwa li l-appellanti għajret lil żewġha 'giddieb'. Il-Qorti qed tirreferi b'mod speċjali għal dak li qalu ż-żewġ uffiċjali fl-affidavits tagħhom. Dawn kienu xehdu 'imparzjali' – la favur ir-raġel u lanqas favur il-mara. Għalhekkil-Qorti qed tikkonkludi li l-appellanti tassew għaret lir-raġel tagħha 'giddieb.'

Issa kelma bħal din mhux bilfors twassal għall-malafama. Din il-Qorti diversament preseduta f'sentenza mogħtiaj fl-24 ta' Frar 2003 'Il-Pulizija kontra Etienne Mizzi' ddeċidiet li biex ikun hemm id-difamazzjoni skont l-artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali jird ikun hemm l-intenzjoni speċifika li ttellef jew tnaqqas il-ġieh lil ħaddieħor. Il-Qorti kienet qalet hekk:

‘L-ewwel aggravju ta’ l-appellant (migjub fil-paragrafi tar-rikors bin-numri 1, 2 u 3) huwa, bazikament, li ma kienx hemm ingurja ghax ma kienx hemm il-pubblikazzjoni lil terza persuna, ma kienx hemm *animus injuriandi*, u kull ma kien hemm kien semplici skambju “ta’ komunikazzjoni bejn żewġ persuni”. Din il-Qorti ma taqbilx. F’dan il-każ veru li ma kienx hemm id-diffamazzjoni skond l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali – liema reat jirrikjedi l-intenzjoni specifika li wiehed itellef jew inaqqas il-ġieh ta’ ħaddieħor – izda l-fatti li jirrizultaw mill-provi ċertament jammontaw għall-ingurja kontravvenzjonali kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Dan ir-reat kontravvenzjonali la jirrikjedi intenzjoni specifika u lanqas il-pubblikazzjoni lil terzi. Li raġel jgħid lil mara, anke jekk fuq it-telefon, *“Ma missekx tistħi qed iddaħħal l-irgiel id-dar?”* (ara d-deposizzjoni ta’ Fiona Borg, fol. 12) meta fil-fatt din ma kienet qed tagħmel xejn minn dan, jammonta għal inġurja.’

U fil-każ ‘Il-Pulizija versus Charles Camilleri’ (deċiża fis-6 t’April, 2005), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

‘Ma hemmx dubju li l-inġurja kontemplata fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun magħmula bil-ħsieb speċifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-ġieh ta' ħaddieħor. Hi dottrina paċifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji, ecc.) ikunu manifestament inġurjużi, tali intenzjoni speċifika hi presunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqar fuq bazi ta' probabilita`) li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mil-ligi li jinnewtralizza l-animus injuriandi. Hekk, per ezempju, jekk il-kliem in kwistjoni jkunu ntqalu animus corrigendi, jew animus consulendi, jew animus jocandi ma jistax jinghad li hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali (għalkemm fil-kaz ta' kliem li jingħad animus jocandi jista' jkollok, fil-ligi tagħna, l-inġurja kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e)).’

Fil-fehma tal-Qorti l-kuntest li fih intqalet din il-kelma ma juri bl-ebda mod li kien hemm din il-mens rea meħtieġa fl-inġurja ai termini tal-artikolu 252(1) tal-Kap 9. Din kienet rimarka spontanja dwar jekk kienx tassew li r-raġel kien bagħat diversi messaġġi lil martu jew le. Ma jfissirx li l-appellanti kellha 'il-ħsieb speċifiku li tnaqqas jew ittellef il-ġieh tar-raġel tagħha.'

Fin-nuqqas ta' dan l-element, il-Qorti qed tillibera lill-appellanti mill-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni, li qed tirreferi għall-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, dan ir-reat ma jirrikjedi ebda intenzjoni speċifika u lanqas il-publikazzjoni lil terzi. Din il-Qorti qabblet iċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz maċ-ċirkostanzi msemmija fil-każ imsemmi ħames paragrafi aktar 'il fuq. Qed tikkonkludi li hemm differenza kbira bejn li tgħid lill-mara 'Ma missekx tistħi qed iddaħħal l-irġiel id-dar' milli tgħajjar lir-raġel 'giddieb' minħabba li mintix qed taqbel miegħu sarux il-messaġġi jew le. Is-sempliċi kelma 'ġiddieb' f'ċirkostanzi fejn tnejn miżżewġin qed jaqbdu ma' xulxin ma' kull nitfa ma tistax titqies bħala inġurja.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lill-appellanti minn din l-imputazzjoni wkoll.

**Konkluzjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' dan l-appell, qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fl-14 ta' Settembru 2012 u qed tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni jew piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------